MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 317/1998/1

**Formosa & Camilleri Ltd. u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Knisja Evangelika Battista u l-istess Knisja Evangelika Battista f'isimhom propju**

**Vs**

**Martin Fiteni**
**Crocifisso Gauci**
**u b'digriet tat-12 ta' Novembru, 1999, l-isem Martin Fiteni gie mibdul f'Mae Fiteni**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-20 ta' Frar, 1998, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm725 (seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin), kwantu ghal Lm700 (seba' mitt lira Maltin) mhallsa mill-attur noe fuq vettura JON146, assigurata comprehensive hlief ghal Lm 25 (hamsa u

ghoxrin lira Maltin) ‘excess’ u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Knisja Evangelika Battista, u kwantu ghal Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) “excess” imhallsa mill-Knisja Evangelika Battista u dan kollu b’rizultat ta’ habta li grat fil-15 ta’ Ottubru, 1997, go Mosta, meta waqt li l-konvenuti kienu qed isuqu l-vetturi DAF256 u LAC234 habtu, jew min minnhom, mall-vettura JON146 proprjeta’ ta’ Knisja Evangelika Battista u misjuqa minn Edwin Caruana u ghal liema ncident kienu unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom.

Bl-ispejjez, u bl-imghax tat-8% fuq Lm725 mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas efettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Frar, 1998, kontra Galdes & Mamo Ltd., u Rausi Insurance Services Ltd. u dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Novembru, 1997.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Crocifisso Gauci fejn eccipixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tas-sewwieq awtorizzat tal-atturi, Edwin Caruana, minhabba mperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Edwin Caruana.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Mae Fiteni fejn eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident imsemmi fl-avviz ma garax tort ta’ l-eccipjent, izda htija ta’ Edwin Caruana, is-sewwieq awtorizzat tas-socjeta’ attrici li naqas li jzomm id-distanza necessarja u ‘a proper look out’, kif ukoll kien miexi bi speed eccessiv u bhala konsegwenza habat mal-vettura

ta' quddiemu misjuqa mill-konvenut Crocifisso Gauci u tefaghha fuq dik misjuqa mill-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fil-15 ta' Ottubru, 1997, gewwa Valletta Road, il-Mosta, li fiha kienu nvoluti tliet karozzi. Il-vettura bin-numru JON 146, proprjeta' tal-Knisja Evangelika Battista misjuqa minn Edwin Caruana, vettura bin-numru DAF 256, misjuqa minn Crocifisso Gauci u l-vettura bin-numru LAC 234 misjuqa minn Mae Fiteni.

Irrizulta mill-provi, li din ta' l-ahhar kienet ipparkjata magenb it-triq u hin minnhom riedet tohrog minn dan il-*parking* halli taqbad it-triq fid-direzzjoni ta' Hal Lija. Kien f'dan il-mument illi gara l-incident, b'verzjonijiet konfliggenti moghtija minn Edwin Caruana u Crocifisso Gauci.

Gauci jghid illi huwa ra l-karozza ta' Fiteni hierga mill-*parking* u waqaf sabiex icedilha. Kien dak il-hin illi giet il-karozza misjuqa minn Caruana minn wara, taghtu daqqa u tefghatu fuq il-karozza misjuqa minn Fiteni.

Caruana jghid illi huwa kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Belt, ra karozza miexja bilmod hafna fuq ix-xellug tieghu u ittanta jaghmel manuvra ta' surpass minn fuq il-lemin. Kien f'dak il-mument illi din il-vettura gibdet lejn il-lemin bil-konsegwenza li Caruana baqa' diehel fuqha u tefaghha fuq il-karozza ta' Mae Fiteni li kienet ghadha kif hierga mill-*parking*.

Bhala dinamika ta' l-incident, ma tantx jidher illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti huwa minn min dawn it-tliet

sewwieqa wera’ nuqqas ta’ responsabbilta’ u traskuragni fis-sewqan tieghu, u liema traskuragni kienet il-kawza prossima ta’ dan l-incident.

Filwaqt illi mix-xhieda moghtija minn Caruana u Gauci, l-Qorti ftit tara x’ticcensura meta tikkonsidra dawn il-verzjonijiet b’mod isolat, ix -xhieda moghtija minn Mae Fiteni fiha hafna x’ticcensura.

Kif gia nghad, dina qalet illi kienet ipparkjata u riedet tohrog minn *parking space* biex tkompli fi triqitha lejn Hal Lija. Tghid illi qabel ma harget harset minn fuq spallejha u ma rat lil hadd. Mhijiex certa jekk xeghelitx l-*indicator*. Tghid testwalment, “Il-karozza li dahlet fija min-naha ta’ wara ma kinitx hierga mill-*parking*, dina kienet fit-triq, pero’ ma rajtiex gejja.”

Din il-verzjoni tikkuntrasta wkoll mill-verzjoni moghtija minn Gauci a Fol. 72, meta jghid, “Jiena kont naf li s-sewwieq kien bihsiebu johrog mill-*parking*, indunajt b’dak ill kien ser jaghmel, ghamilli s-sinjal u jiena rregixxejt billi cedejt. U jiena waqqaft il-karozza tieghi biex huwa jkun jista’ johrog.”

Ghalhekk, filwaqt illi Gauci jghid illi Fiteni ndunat bil-prezenza tieghu u ghamlitlu sinjal halli tohrog, l-istess Fiteni tghid illi hija ma ndunat b’hadd. Harset u ma rat lil hadd.

Evidentement il-Qorti ma tistax tiskarta dikjarazzjonijiet bhal dawn li jirriflettu traskuragni min-naha tas-sewwieq illi jfisser li ma jkunx hares sewwa u ma hax il-mizuri necessarji sabiex jassigura linkolumita’ tieghu u ta’ l-utenti l-ohra tat-triq.

Meta l-Qorti tabbina l-hsarat subiti mill-vetturi, kif muri fl-iskecc a Fol 34, mal-verzjonijiet moghtija, jidhrilha li dik moghtija minn Edwin Caruana hija aktar veritiera. Il-hsarat fil-karozza ta’ Gauci qeghdin fuq in-naha ta’ wara tal-lemin, mentri ta’ Caruana qeghdin fuq quddiem. Dana jfisser li l-vettura ta’ Gauci kienet inklinata lejn il-lemin meta rceviet id-daqqa, kif xehed l-istess Caruana.

Ghalhekk, huwa aktar verosimili li kien Gauci meta gibed ftit 'l barra biex jevita l-karozza ta' Fiteni illi rcieva l-ewwel daqqa biex imbaghad spicca fuq il-karozza ta' quddiemu misjuqa minn Fiteni. Ghad illi kien hemm involuti tliet vetturi, din il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi kien nuqqas ta' Mae Fiteni illi kkawza dan l-incident. Ma hemmx dubbju li din ma haditx il-prekawzzjonijiet necessarji meta harget mill-*parking space* taghha. Ma harsitx sew lejn il-lemin u lanqas ma assikurat ruhha minn vetturi gejjin minn warajha. Mhijiex certa li wzat *indicator*. B'hekk jista' jkun illi hasdet l-ewwel karozza illi kien hemm warajha, dik ta' Crocifisso Gauci. Jista' jkun ukoll, illi ma nhasadx u nduna b'dak illi kienet qed taghmel Fiteni. Pero' b'daqshekk, ma jfissirx li n-nuqqas ta' Fiteni huwa b'xi mod iggustifikat b'dak l-*awareness* ta' Gauci.

Jibqa' l-fatt, li Caruana ma setax ikun jaf b'dak illi kien qed jigri quddiemu peress illi kien mghotti bil-karozza ta' Gauci. Pero' kien l-ewwel nuqqas tal-konvenuta Fiteni illi bdiet il-katina ta' sitwazzjonijiet illi wasslet ghall-incident in ezami.

Il-Qorti hija sodisfatta illi Fiteni ma zammitx *a proper look out* u lanqas ma hadet il-mizuri necessarji sabiex tohrog minn dan il-*parking space* taghha minghajr periklu ghal haddiehor.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi Fiteni ghandha terfa' esklussivament u unikament ir-responsabbilta ta' dan l-incident.

Ghal dawk illi huma d-danni, s-socjeta' attrici esebit nota a Fol. 39, flimkien mad-dokumenti relattivi biex tiggustifika l-ammont reklamat ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm724.43). Dawn ma jidhrux illi gew kontestati mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, filwaqt illi tillibera lil Crocifisso Gauci mill-osservanza tal-

gudizzju, tiddikjara lill-konvenuta Mae Fiteni unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara go Valletta Road, Mosta, fil-15 ta' Ottubru, 1997, bejn il-vettura JON 146 misjuqa minn Edwin Caruana, DAF 256 misjuqa minn Crocifisso Gauci u LAC 234 misjuqa minn Mae Fiteni u dana minhabba traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Mae Fiteni. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tleita u erbghin centezmu (Lm724.43) u konsegwentement tikkundanna lil Mae Fiteni li thallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz, kontra l-konvenuta Mae Fiteni.

Anthony Zammit
Deputat Registratur